# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001**

**Avviz numru : 45/2001GT(GM)**

**George Bonello**

**vs**

**Philip Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid :**
**"Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tlett mija tmienja u disghin lira Maltija u tnejn u sittin centezmi (Lm398.62c) flimkien mal-interessi fuq din is-somma mill-15 ta' Gunju 2001 sad-data tal-hlas effettiv. Dan l-ammont hu dovut lill-attur bhala prezz ta' merkanzija li giet ikkonsejat lilu fuq struzzjonijiet tieghu stess diversi drabi.**

**Ghalkemm interpellat diversi drabi ihallas dan l-ammont, huwa baqa' inadempjenti.**

**Bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Awissu 2001."**

**Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifil la pprezenta risposta u l-anqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribuna ta' Novembru 2001 u dik tallum.**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' Lm 398.62 bl-imghax legali mill-15 ta' Gunju 2001 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, u tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Awissu 2001 a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**